



16.10.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (COM(2018)0374 – C8-0229/2018 – 2018/0199(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marlene Mizzi

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex ikun appoġġat l-iżvilupp armonjuż tat-territorju tal-Unjoni flivelli differenti, il-FEŻR jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni transnazzjonali il-kooperazzjoni marittima, il-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

Emenda

(3) Sabiex ikun appoġġat l-iżvilupp armonjuż tat-territorju tal-Unjoni flivelli differenti, il-FEŻR jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni transnazzjonali il-kooperazzjoni marittima, il-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), ***anki fl-oqsma tal-kultura u l-kreattività b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-bniedem bħala faċilitaturi ewlenin tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, filwaqt li jqis ukoll b'mod xieraq il-programmi ta' taħriġ li jistgħu jeħtieġu finanzjament addizzjonali.***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-komponent tal-kooperazzjoni transfruntiera jenħtieġ li jkollu l-għan li jittratta l-isfidi komuni identifikati b'mod konġunt fir-reġjuni tal-fruntieri, u li jisfrutta l-potenzjal ta' tkabbir mhux sfruttat f'żoni tal-fruntieri kif jidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE23 ("Komunikazzjoni dwar ir-Reġjuni tal-Fruntieri").

Emenda

(4) Il-komponent tal-kooperazzjoni transfruntiera jenħtieġ li jkollu l-għan li jittratta l-isfidi komuni, ***fosthom id-differenzi kulturali u l-ostakli lingwistiċi***, identifikati b'mod konġunt fir-reġjuni tal-fruntieri, ***peress li dawn jistgħu jfixklu l-integrazzjoni, jirrestrinġu l-interazzjoni u jnaqqsu l-opportunitajiet għall-persuni u n-negozji fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera, u jenħtieġ*** li jisfrutta l-potenzjal ta' tkabbir

Konsegwentement, il-komponent transfruntier jenħtieġ li jkun limitat għal kooperazzjoni fil-fruntieri fuq l-art u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-fruntieri marittimi jenħtieġ li tkun integrata fil-komponent transnazzjonali.

mhux sfruttat f'żoni tal-fruntieri kif jidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE23 ("Komunikazzjoni dwar ir-Reġjuni tal-Fruntieri"). Konsegwentement, il-komponent transfruntier jenħtieġ li jkun limitat għal kooperazzjoni fil-fruntieri fuq l-art u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-fruntieri marittimi jenħtieġ li tkun integrata fil-komponent transnazzjonali.

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE" (COM(2017) 534 final).

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE" (COM(2017) 534 final).

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-kooperazzjoni transfruntiera u transnazzjonali matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 fir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-għaqda taż-żewġ komponenti fi programm wieħed għal kull qasam ta' kooperazzjoni ma gābitx biżżejjed simplifikazzjoni għall-awtoritajiet tal-programm u għall-benefiċjarji, jenħtieġ li jiġi stabbilit komponent speċifiku għar-reġjuni ultraperiferiċi sabiex jippermetti lir-reġjuni ultraperiferiċi jikkooperaw mal-pajjiżi tal-viċinat u t-territorji tagħhom bl-aktar mod effettiv u sempliċi.

Emenda

(7) Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-kooperazzjoni transfruntiera u transnazzjonali matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 fir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-għaqda taż-żewġ komponenti fi programm wieħed għal kull qasam ta' kooperazzjoni ma gābitx biżżejjed simplifikazzjoni għall-awtoritajiet tal-programm u għall-benefiċjarji, jenħtieġ li jiġi stabbilit komponent speċifiku għar-reġjuni ultraperiferiċi sabiex jippermetti lir-reġjuni ultraperiferiċi jikkooperaw mal-pajjiżi tal-viċinat u t-territorji tagħhom bl-aktar mod effettiv u sempliċi ***sabiex jiġu stabbiliti rabet b'saħħithom u sostenibbli bbażati fuq il-kooperazzjoni u l-fehim reċiproku;***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8

(8) Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas ta' Interreg u n-nuqqas ta' tali kooperazzjoni fi programmi fil-qafas tal-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jiffoka b'mod aktar speċifiku fuq it-tiżiħ tal-effettività tal-politika ta' koeżjoni. Dan il-komponent għalhekk jenħtieġ li jkun limitat għal żewġ programmi, wieħed li jippermetti kull tip ta' esperjenza, approċċi innovattivi u bini tal-kapaċità għal programmi fil-qafas taż-żewġ miri u għall-promozzjoni ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali ("REKT") stabbiliti jew li għad iridu jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ u ieħor li jtejjeb l-analiżi tax-xejriet ta' żvilupp. Il-kooperazzjoni bbażata fuq il-proġett fl-Unjoni kollha jenħtieġ li tiġi integrata fil-komponent il-ġdid dwar l-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni u marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli"²⁵, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati l-pjattaformi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tematiki dwar oqsma bħall-enerġija, l-immodernizzar tal-industrija **jew** il-qasam agroalimentari. Fl-aħħar nett, l-iżvilupp territorjali integrat li jiffoka fuq żoni urbani funzjonali jew żoni urbani jenħtieġ li jkun ikkonċentrat fil-programmi **taħt il-mira** tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir u fi strument wieħed li jakkumpanja, l-"Inizjattiva Urbana Ewropea". Iż-żewġ programmi fil-qafas tal-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jkopru l-Unjoni kollha u jenħtieġ li jkunu miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.

(8) Fuq il-bażi tal-esperjenza bil-programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali fil-qafas ta' Interreg u n-nuqqas ta' tali kooperazzjoni fi programmi fil-qafas tal-mira tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jiffoka b'mod aktar speċifiku fuq it-tiżiħ tal-effettività tal-politika ta' koeżjoni. Dan il-komponent għalhekk jenħtieġ li jkun limitat għal żewġ programmi, wieħed li jippermetti kull tip ta' esperjenza, approċċi innovattivi u bini tal-kapaċità għal programmi fil-qafas taż-żewġ miri u għall-promozzjoni ta' raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali ("REKT") stabbiliti jew li għad iridu jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ u ieħor li jtejjeb l-analiżi tax-xejriet ta' żvilupp. Il-kooperazzjoni bbażata fuq il-proġett fl-Unjoni kollha jenħtieġ li tiġi integrata fil-komponent il-ġdid dwar l-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni u marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli"²⁵, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati l-pjattaformi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tematiki dwar oqsma bħall-enerġija, l-immodernizzar tal-industrija, **il-kultura, il-wirt kulturali, is-settur kulturali u kreattivi**, il-qasam agroalimentari, **it-tiżiħ tal-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-bniedem u l-preservazzjoni u t-tixrid tal-wirt kulturali komuni**. Fl-aħħar nett, l-iżvilupp territorjali integrat li jiffoka fuq żoni urbani funzjonali jew żoni urbani jenħtieġ li jkun ikkonċentrat fil-programmi **fil-qafas tal-mira** tal-Investment għall-impjiegi u t-tkabbir u fi strument wieħed li jakkumpanja, l-"Inizjattiva Urbana Ewropea". Iż-żewġ

programmi fil-qafas tal-komponent tal-kooperazzjoni interreġjonali jenħtieġ li jkopru l-Unjoni kollha u jenħtieġ li jkunu miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

²⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli" - COM(2017) 376 final, 18.7.2017.

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

²⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli" - COM(2017) 376 final, 18.7.2017.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-assistenza tal-IPA III jenħtieġ li tiffoka prinċipalment fuq l-assistenza lill-benefiċjarji biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni. L-assistenza tal-IPA jenħtieġ li tkompli tappoġġa l-isforzi tal-benefiċjarji tal-IPA biex isir progress fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE. Barra minn hekk, l-assistenza tal-IPA jenħtieġ li tindirizza s-sigurtà, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, billi jkun żgurat l-aċċess għall-

Emenda

(11) L-assistenza tal-IPA III jenħtieġ li tiffoka prinċipalment fuq l-assistenza lill-benefiċjarji **IPA** biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni, ***jżviluppaw sistemi edukattivi inklużivi u sostenibbli bl-għan li jipprovdu aktar opportunitajiet ta' kwalità aħjar liż-żgħażaġh, permezz ta' politiki orizzontali dwar iż-żgħażaġh.*** L-assistenza tal-IPA jenħtieġ li tkompli tappoġġa l-isforzi tal-benefiċjarji tal-IPA biex isir progress fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-

protezzjoni internazzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, it-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri u t-tkomplija tal-isforzi komuni fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti.

implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġionali tal-UE. Barra minn hekk, l-assistenza tal-IPA jenħtieġ li tindirizza s-sigurtà, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, billi jkun żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, it-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri u t-tkomplija tal-isforzi komuni fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-FEŻR jenħtieġ li jikkontribwixxi, fil-qafas ta' Interreg, għall-oġġettivi speċifiċi skont l-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni. Madankollu, il-lista ta' oġġettivi speċifiċi fil-qafas tal-oġġettivi tematiċi differenti jenħtieġ li tiġi adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' Interreg, billi tipprovdi għal oġġettivi speċifiċi addizzjonali fil-qafas tal-oġġettiv tal-politika "Ewropa aktar soċjali permezz tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" sabiex tippermetti interventi tat-tip FSE.

Emenda

(17) Il-FEŻR jenħtieġ li jikkontribwixxi, fil-qafas ta' Interreg, għall-oġġettivi speċifiċi skont l-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni. Madankollu, il-lista ta' oġġettivi speċifiċi fil-qafas tal-oġġettivi tematiċi differenti jenħtieġ li tiġi adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' Interreg, billi tipprovdi għal oġġettivi speċifiċi addizzjonali fil-qafas tal-oġġettiv tal-politika "Ewropa aktar soċjali permezz tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" sabiex tippermetti interventi tat-tip FSE, ***b'enfasi partikolari fuq l-aċċess għall-
edukazzjoni, il-ħolqien ta' aktar
opportunitajiet ta' kwalità aħjar għaż-
żgħażaġh u l-integrazzjoni kulturali.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jżid żewġ oġġettivi speċifiċi għal Interreg, wieħed biex jappoġġa l-oġġettiv tat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali, billi tissaħħaħ il-

Emenda

(19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jżid żewġ oġġettivi speċifiċi għal Interreg, wieħed biex jappoġġa l-oġġettiv tat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali, billi tissaħħaħ il-

kooperazzjoni legali u amministrattiva, b'mod partikolari fejn marbuta mal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-Regġuni tal-Fruntieri, bl-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet u l-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, u ieħor biex jindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' kooperazzjoni esterna bħas-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli li jirregolaw il-fondi għal proġetti żgħar li ilhom implimentati mill-ħolqien ta' Interreg, iżda qatt ma kienu koperti minn dispożizzjonijiet speċifiċi. Kif stabbilit ukoll fl-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni dwar "Proġetti bejn il-persuni u proġetti fuq skala żgħira fil-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera"³², dawn il-fondi għal proġetti żgħar għandhom rwol importanti fil-bini ta' fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, joffru valur miżjud kbir Ewropew u jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-oġettiv ġenerali tal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera billi jegħlbu l-ostakli tal-fruntieri u jintegraw iż-żoni tal-fruntieri u iċ-ċittadini tagħhom. Sabiex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-finanzjament ta' proġetti żgħar mir-riċevituri finali, li sikwit mhumie x midħla ta' kif japplikaw għall-fondi mill-Unjoni, l-użu ta' opzjonijiet simplifikati ta' kostijiet u ta' ammonti f'daqqa jenħtieġ li jsir obligatorju taħt ċertu livell limitu.

kooperazzjoni legali u amministrattiva, b'mod partikolari fejn marbuta mal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-Regġuni tal-Fruntieri, bl-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini, ***l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** u l-istituzzjonijiet u l-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, u ieħor biex jindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' kooperazzjoni esterna bħas-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

Emenda

(23) Huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli li jirregolaw il-fondi għal proġetti żgħar li ilhom implimentati mill-ħolqien ta' Interreg, iżda qatt ma kienu koperti minn dispożizzjonijiet speċifiċi. Kif stabbilit ukoll fl-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni dwar "Proġetti bejn il-persuni u proġetti fuq skala żgħira fil-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera"³², dawn il-fondi għal proġetti żgħar għandhom rwol importanti fil-bini ta' fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, joffru valur miżjud kbir Ewropew u jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-oġettiv ġenerali tal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera billi jegħlbu l-ostakli tal-fruntieri u jintegraw iż-żoni tal-fruntieri u iċ-ċittadini tagħhom. ***Jenħtieġ li jiffavorixxu b'mod partikolari inizjattivi transfruntiera kulturali, artistiki u orjentati għaċ-ċittadini.*** Sabiex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-finanzjament ta' proġetti żgħar mir-riċevituri finali, li sikwit mhumie x midħla ta' kif japplikaw għall-fondi mill-Unjoni, l-użu ta' opzjonijiet simplifikati ta' kostijiet u ta' ammonti f'daqqa jenħtieġ li jsir obligatorju taħt

ċertu livell limitu.

³² L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni "Proġetti bejn il-persuni u proġetti fuq skala żgħira fil-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera" tat-12 ta' Lulju 2017 (ĠU C 342, 12.10.2017, p. 38).

³² L-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni "Proġetti bejn il-persuni u proġetti fuq skala żgħira fil-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera" tat-12 ta' Lulju 2017 (ĠU C 342, 12.10.2017, p. 38).

Emenda 9 Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-titjib tal-aċċess u l-kwalità tal-
edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-
ħajja bejn il-fruntieri bil-ħsieb li ***tiżdied il-
kisba*** edukattiva u ***l-livelli fil-ħiliet tagħha***
kif rikonoxxuta lil hinn mill-fruntieri;

Emenda

(b) it-titjib tal-aċċess u l-kwalità tal-
edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-
ħajja bejn il-fruntieri bil-ħsieb li ***jiżdiedu l-
kisba*** edukattiva, ***il-mobbiltà taż-żgħażaġħ***
u tar-riċerkaturi u t-tiżiħ tal-ħiliet
***lingwistiċi u ħiliet u kompetenzi oħra tal-
bniedem***;

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ***il-promozzjoni u l-appoġġ tal-
ħolqien ta' sħubijiet transfruntiera bejn l-
istituzzjonijiet edukattivi, kulturali,
artistiċi, kreattivi, awdjoviżivi u tar-
riċerka sabiex ikunu promossi l-
komprensjoni reċiproka u d-djalogu fir-
regġuni tal-fruntiera, jissaħħu d-diversità
lingwistika u r-rwol tal-politiki edukattivi
u kulturali u l-politiki fis-setturi kulturali,
kreattivi, artistiċi u awdjoviżivi bħala
muturi tal-innovazzjoni soċjali.***

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) it-titjib tal-aċċess għall-kultura u s-servizzi kulturali transfruntiera;

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt bc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati, hġiliet u kompetenzi sabiex jiżdienu l-opportunitajiet għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi bejn il-fruntieri;

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż permezz tat-titjib tal-opportunitajiet indaqs u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni *bejn il-fruntieri*.

(e) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, *anke tal-migranti*, u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż permezz tat-titjib tal-opportunitajiet indaqs u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni *fil-livell transfruntier*.

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) it-titjib tal-aċċess għal servizzi kulturali u infrastrutturi sportivi u l-promozzjoni tal-mobbiltà tal-artisti u l-iskambji kulturali, li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u t-tixrid tal-wirt kulturali komuni u għall-ġlieda kontra l-

*preġudizzji u l-isterjotipi differenti u
ġeneralment persistenti, iżidu l-
integrazzjoni soċjali u jindirizzaw l-ostakli
soċjali u lingwistiċi;*

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) fil-qafas tal-programmi Interreg transfruntieri esterni u l-komponenti 2 u 3 appoġġati mill-fondi Interreg, **minbarra l-punti** (a) u (b): il-bini ta' fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jiġu inkoraġġiti azzjonijiet interpersonali, bit-tishiġ ta' demokrazija sostenibbli u bl-appoġġ tal-atturi tas-soċjetà ċivili u r-rwol tagħhom fil-proċessi ta' riforma u ta' tranżizzjonijiet demokratiċi;

Emenda

(c) fil-qafas tal-programmi Interreg transfruntieri esterni u l-komponenti 2 u 3 appoġġati mill-fondi Interreg, **flimkien minn dak indikat fil-punti** (a) u (b): il-bini ta' fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jiġu inkoraġġiti azzjonijiet interpersonali **u esperjenzi tal-mobbiltà taż-żgħażaġh**, bit-tishiġ ta' demokrazija sostenibbli u bl-appoġġ tal-atturi tas-soċjetà ċivili u r-rwol tagħhom fil-proċessi ta' riforma u ta' tranżizzjonijiet demokratiċi;

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fil-qafas tal-programmi Interreg transfruntieri esterni u l-komponenti 2 u 3 tagħhom il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-objettiv speċifiku ta' Interreg estern "Ewropa b'inqas periklu u aktar sigurtà", b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet fl-oqsma tal-mobbiltà u tal-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluża l-protezzjoni tal-migranti.

Emenda

5. Fil-qafas tal-programmi Interreg transfruntieri esterni u l-komponenti 2 u 3 tagħhom il-FEŻR u, fejn applikabbli, l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-objettiv speċifiku ta' Interreg estern "Ewropa b'inqas periklu u aktar sigurtà", b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet fl-oqsma tal-mobbiltà u tal-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluża l-protezzjoni tal-migranti, **il-medjazzjoni interkulturali u l-faċilitazzjoni lingwistika;**

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 17 - paragrafu 4 - punt b - punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali;

Emenda

(i) id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali, **demografiċi** u territorjali;

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 4 – punt b – sottopunt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) l-ispeċifikitajiet u l-ostakli kulturali, edukattivi u lingwistiċi ġodda;

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Meta tkun qed tivvaluta kull programm Interreg, il-Kummissjoni għandha tqis l-effett pożittiv globali tal-programm fuq is-soċjetà u l-komunitajiet lokali, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u l-inklużività, id-djalogu interkulturali u l-fehim reċiproku.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD") taħt il-punt (b) tal-Artikolu [22] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] jista' jkun implimentat fil-programmi Interreg, dment

Emenda

L-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità ("CLLD") taħt il-punt (b) tal-Artikolu [22] tar-Regolament (UE) [CPR ġdid] jista' jkun implimentat fil-programmi Interreg, dment

li l-gruppi ta' azzjoni lokali rilevanti huma komposti minn rappreżentanti tal-interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, li fihom ebda grupp wieħed ta' interess ma jikkontrolla t-teħid tad-deċiżjonijiet, u tal-anqas minn żewġ pajjiżi parteċipanti, li wieħed minnhom huwa Stat Membru.

li l-gruppi ta' azzjoni lokali rilevanti huma komposti minn rappreżentanti tal-interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, **inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**, li fihom ebda grupp wieħed ta' interess ma jikkontrolla t-teħid tad-deċiżjonijiet, u tal-anqas minn żewġ pajjiżi parteċipanti, li wieħed minnhom huwa Stat Membru. **Il-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom jirrappreżentaw il-gruppi soċjoekonomiċi u l-gruppi tal-età kollha inklużi l-minoranzi, il-persuni b'diżabbiltà u dawk b'inqas opportunitajiet.**

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Għal programmi Interreg b'allokazzjoni totali anqas minn EUR 30 000 000, l-ammont meħtieġ għall-għajjnuna teknika espress f'EUR u **tal-perċentwali** li jirriżulta għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm Interreg ikkonċernat.

Emenda

4. Għal programmi Interreg b'allokazzjoni totali anqas minn EUR 30 000 000, l-ammont meħtieġ għall-għajjnuna teknika **għandu jiġi** espress f'EUR u **l-perċentwali** li jirriżulta għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm Interreg ikkonċernat.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta l-pjan ta' evalwazzjoni lill-kumitat ta' monitoraġġ mhux aktar tard minn **sena** wara l-approvazzjoni tal-programm Interreg rispettiv.

Emenda

6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta l-pjan ta' evalwazzjoni lill-kumitat ta' monitoraġġ mhux aktar tard minn **12-il xahar** wara **d-data tal-approvazzjoni** tal-programm Interreg rispettiv.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm Interreg, ikun hemm sit web fejn informazzjoni dwar kull programm Interreg taħt ir-responsabbiltà tagħha hija disponibbli, **li** tkopri l-oġġettivi, l-attivitajiet, l-oportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u **t-twertiq** tal-programm.

Emenda

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm Interreg, ikun hemm sit web fejn informazzjoni dwar kull programm Interreg taħt ir-responsabbiltà tagħha hija disponibbli. **L-informazzjoni pprovduta f'dak is-sit web għandha** tkopri l-oġġettivi, l-attivitajiet, l-oportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u **l-kisbiet** tal-programm.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 56 - paragrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Jekk l-implimentazzjoni ta' operazzjoni teħtieġ l-akkwist ta' kuntratti ta' **servizzi**, provvisti jew xogħlijiet minn benefiċjarju, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

Emenda

1. Jekk l-implimentazzjoni ta' operazzjoni teħtieġ l-akkwist ta' **servizzi**, kuntratti ta' provvisti jew **kuntratti ta'** xogħlijiet **jew it-tnejn** minn benefiċjarju, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) meta l-benefiċjarju **huwa** awtorità kontraenti jew entità kontraenti skont it-tifsira **tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-proċeduri ta' akkwist**, huwa għandu japplika **liġijiet** nazzjonali, **regolamenti** u **dispożizzjonijiet** amministrattivi adottati b'konnessjoni mal-liġi tal-Unjoni;

Emenda

(a) meta l-benefiċjarju **jkun** awtorità kontraenti jew entità kontraenti skont it-tifsira **tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}**, huwa għandu japplika **l-liġijiet** nazzjonali, **ir-regolamenti** u **d-dispożizzjonijiet** amministrattivi adottati b'konnessjoni mal-liġi tal-Unjoni;

^{1a}Id-Direttiva 2014/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, (ĠU L94, 28.3.2014, p. 96).

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għal-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern
Referenzi	COM(2018)0374 – C8-0229/2018 – 2018/0199(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 11.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 11.6.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marlene Mizzi 3.7.2018
Eżami fil-kumitat	3.9.2018
Data tal-adozzjoni	10.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Krystyna Łybacka, Svetoslav Hristov Malinov, Rupert Matthews, Stefano Maullu, Morten Messerschmidt, Luigi Morgano, Michaela Šojdrová, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Norbert Erdős, Martina Michels, Marlene Mizzi

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
ALDE	Mircea Diaconu, María Teresa Giménez Barbat
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Martina Michels
PPE	Norbert Erdős, Svetoslav Hristov Malinov, Stefano Maullu, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
S&D	Silvia Costa, Damian Drăghici, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Krystyna Łybacka, Marlene Mizzi, Luigi Morgano, Julie Ward
Verts/ALE	Jill Evans, Helga Trüpel

1	-
ENF	Dominique Bilde

3	0
ECR	Rupert Matthews, Morten Messerschmidt
EFDD	Isabella Adinolfi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni